


# LEĦEN IL-GIRGENTI

Nru. 139 Lulju 2024


## L-ISTATWA TA' MARIJA ILHA 38 SENA FIL-GIRGENTI

**Fil-5 ta' Mejju 2024 fakkarna t-38 sena minn meta Ġuża Mifsud tellgħet l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti. Dakinhar kien mistieden Fr. Dunstan Xuereb li waslilna dan il-messaġġ:**

"Naħseb kulħadd għandu sellum id-dar, xi ħaġa sempliċi... Jekk ħa titla' fil-għoli trid sellum tajjeb, tafda ħajtek miegħu... X'nagħmlu biex nitilgħu fis-sema, bl'liema sellum ser nitilgħu? Il-Knisja dejjem tqabbel lil Marija bħala sellum tajjeb għax itellgħana fil-qalb t'Alla. Tant li Santu Wistin fl-għerf li tah Alla, kien jgħid, "Alla biex niżel fid-dinja niżel b'sellum li jismu Marija." Ovvjament Marija, qaddejja t'Alla, purissima, aċċettat missjoni kbira u delikata li tkun Omm Alla, imma meta Ġesu tela fis-sema ħalla is-sellum, Marija, biex aħna l-bnedmin niggranfaw magħha…



Mela llum ħa nkellimkom mhux fuq is-slielem li tixtri mingħand taż-żebgħa imma fuq Marija, il-mara tas-sellum. Fil-mumenti diversi tal-ħajja tagħna meta r-riħ tal-ħajja jipprova jaqlibna, Marija tgħinna biex nibqgħu iffukati, ma nibżgħux, ma naqtgħux qalbna. Marija mgħallma mill-esperjenza tagħha bħala bniedma u mgħallma wkoll bl-esperjenza tagħha f'elfejn sena ta' omm, saret esperta ta' kif aħna uliedha, bil-mod tagħna, nitilgħu skaluna skaluna lejn id-dar tal-missier... Marija li titla' l-Golgota b'tifel wieħed u tinżel mill-Golgota b'uliedha kollha mqabbdin magħha. Niftakru fil-kelma li qal

> *"Alla biex niżel fid-dinja niżel b'sellum li jismu Marija…"*

Ġesu, "Mara hawn hu ibnek, Ġwanni hawn hi ommok." Minn dakinhar Marija fehmet li Alla wara li sabha tant tajba biex tkun ommu, riedha tibqa' wkoll sal-aħħar taż-żminijiet... omm l-ommijiet, il-missirijiet u l-ulied kollha.

Din l-idea ta' Marija bħala s-sellum tal-ħajja hija antika ħafna. Kien hemm raħeb li kellu ħolma. Dan ra żewġt islielem telgħin fis-sema: sellum iswed u sellum abjad. Ħafna kienu jmorru għall-ewwel sellum li kien dak bl-iswed imma f'nofs triq dan is-sellum kien jitbattal għax min jaqa', min jgħejja, min jirfes lil ieħor...

Imbagħad dan ir-raħeb ra sellum ieħor, kien bħall-iswed, l-istess qjies, imma kullmin jagħżel dan is-sellum kien jitla' b'ħeffa lejn is-sema. Li kien jiġri li kull darba Marija kienet tinżel mis-sema taħtaf qabda minn uliedha u titla' ma uliedha sas-sema… San Bernard jgħidilna li ma hemm ħadd li jinsab il-Ġenna li fil-ħajja tad-dinja ma kienx devot ta' Marija.



Anka f'din il-ħajja rridu nitilgħu bis-sellum, ma noqgħodux nistennew il-ħajja ta' dejjem biex nitilgħu mas-sellum. Il-ħajja tas-sellum, il-ħajja spiritwali tfisser li inti tikber fl-imħabba u fl-intimita ma' Alla, issir taf lil binha Ġesu bħalma kienet tafu hi u titgħallem tafdaħ bħalma fdatu hi, titgħallem titkellem miegħu bħalma kienet titkellem miegħu hi, bħala omm u bħala dik li dejjem tatih il-pariri tal-ħajja.

Din hija l-mara li aħna nħobbu li jisimha Marija u meta tiġi hawnhekk xi ħaġa tħoss li hawnhekk huwa differenti. Marija qatt ma nqatgħet minn uliedha għax kif tista' omm tinsa' lil uliedha li jsejħulha lejl u nhar? Anzi hi tiġri lejhom u terfagħhom mix-xkiel tal-ħajja. Marija tħarriġġna biex nitilgħu tarġa tarġa l-iskaluni tal-qdusija.

Il-qdusija hija li inti tkun qaddis mingħajr ma jkun jaf ħadd. Lanqas inti ma tkun taf għax inkella tikbirlek rasek u tiġi supperv u arroganti. Il-qdusija hija d-don li Alla jagħtik u li inti tibda tagħżel l-affarijiet ta' Alla, tibda tagħżel qari tajjeb, tħobb iżjed il-ħajja tas-sagramenti b'mod speċjali l-Ewkaristija u l-qrar, tagħmel iżjed karita, ma tagħtix każ x'jaħsbu fuqek in-nies, tfittex it-toroq ta' Alla, insomma tibda' timxi t-triq tal-perfezzjoni u meta hemm Marija li timxi miegħek tibda' tinduna kemm aħna li għandna lilha bħala omm għandna l-barka u l-għożża ta' Alla.

Marija m'ijiex mara privileġġjata, Alla ħalliha tbati, ħalla lil ommu tbati, ħalla lil ommu tgħaddi mill-uġigħ tal-qalb. Alla biss jaf din il-povra mara minn xiex għaddieha. U kos Alla lil dawk li jħobbuħ, lil dawk li huma ħbieb tiegħu iġagħalhom ibatu iżjed u din hija turiha li inti ħabiba u ħabib t'Alla. Tibżax mit-tbatija ta' issa, hija bħal ftit abra li taqa u titlaq mix-xejn, il-ħajja ta' dejjem imbagħad itbierek kull tbatija li tkun għaddejt minna.

Marija mbagħad kien jistħoqqilha titla' s-sema imma mhux qabel ma temmet ix-xogħol tagħha. Ġesu ħalliha sakemm kellu bżonnha hawn fuq l-art. U jekk inti marid jew marida u ssejjaħ lil Mulej, fittex ħudni għax għajjejt f'din il-ħajja iġġarrabx lil Alla tiegħek. It-tbatija tiegħek mhix it-tbatija tad-dinja imma hija t-tbatija li tgħamlek qaddis, il-purifikazzjoni li għandek bżonn biex inti permezz tat-

tbatija tiegħek issir tixbaħ aktar lil dik li batiet u lil dak li ħabbet, lil binha Ġesu u tkun inti wkoll sellum żgħir f'din id-dinja għal ħaddieħor.

Marija allura hija l-mudell tal-ħajja tiegħek. Aħna fil-ħajja tagħna wkoll bħal Marija nfittxu lil Ġesu… Fi żminijiet ta' krizijiet fejn għandna saċerdoti żgħar qegħdin jitilqu u fi żmien meta s-seminarju dejjem jonqos min-numru aħna m'għandnix ngħidu kif spiċċajna imma jiena x'qiegħed nagħmel? Għax is-saċerdot ma jsirx għalih innifsu, bħalma Ġesu ma ġiex fid-dinja għalih innifsu, u Marija ma batietx għaliha nfisha imma batiet għall-komunita ta' Ġesu. Kienet l-ewwel u l-aqwa dixxiplu ta' Ġesu li baqgħet tbati sakemm il-Mulej riedha.



U jekk il-knisja għaddejja minn dan kollu, aħna l-fdal ta' Ġerusalem iridu nerġgħu inqabbdu in-nar tal-fidi fil-poplu fejn niltaqgħu. Kunu sellum ħaj għal ħaddieħor, mhemmx għalfejn ikun twil daqs ta' Marija għax dik hija l-Omm ta' Alla u omm il-bnedmin, imma mqar skaluna żgħira: tgħid kelma ta' ġid, imħabba, titlob għal dak li jkun. Kunu nies li tagħtu imbuttatura ta' kuraġġ, imbuttatura ta' ħlewwa. Użaw dan il-kliem: Alla jħobbok, Alla jbierkek, Alla jagħtik is-saħħa, Alla jħarsek, mur f'isem Alla, mur kun imbierek, kun imbierka. Kunu appoġġ għal xulxin, kunu taħt is-salib ta' ħaddieħor mingħajr ma terfgħu salib ħaddieħor għax din hija l-għerf, li tgħin lil xi ħadd li qed ibati mingħajr ma' tindaħal jew terfa' int is-salib ta' ħaddieħor.

Imbagħad tibda tirrejalizza li s-salib tiegħek huwa l-bażi ta' dan is-sellum li ser itellgħek għand Alla. Ġesu jgħidilna, "meta nintrefa 'l fuq jien, niġbed il-bnedmin kollha lejja." Marija tgħallmet is-sengħa, Ġesu tagħha dan il-kmand biex tkun ommna tiġbed il-bnedmin kollha lejha.

Mela x-xogħol tagħna ħuti llum huwa dan: morru lejn djarkom, kunu nies posittivi u kunu sellum żgħir imqar itella' bniedem tarġa waħda, tellajtu pass eqreb lejn il-Ġenna u mbagħad Alla jsib lil ħaddieħor li jtellgħu pass ieħor. Imma dik mhux f'idejk, dik mhix għażla tiegħek, lanqas biss għandek tkun taf, aħna qaddejja għamilna biss dak li kellna nagħmlu."



**Sinjur Alla tal-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek.**

**Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li nizzik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. Glorja lill-Missier...**

# AVVIŻI

**LAQGĦAT TA' TALB FIL-GIRGENTI**

- Il-Ħadd 7 u 21 ta' Lulju 2024 fis-6.30pm
- Il-Ħadd 4 u 18 ta' Awwissu 2024 fis-6.30pm
- Il-Ħadd 1 ta' Settembru 2024 fis-6.00pm
- Il-Ħadd 15 ta' Settembru 2024 fil-5.30pm
- Il-Ħadd 6 u 20 ta' Ottubru 2024 fil-5.00pm

**MEZZ TA' KUNTATT:**

- Email: ourladyofconsecration@gmail.com
- Facebook messenger: Madonna tal-Konsagrazzjoni
- Indirizz Postali: 16, Triq San Gakbu, Siggiewi

**AGĦMLU KUNTATT MAGĦNA JEKK:**

- Taqilgħu grazzji bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni/Girgenti jew bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud;
- Jekk tridu formula sabiex issiru membri tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni;
- Kull meta taħsbu li l-Kumitat jista' jkun ta' għajnuna.

**AKTAR TAGĦRIF DWAR ĠUŻA MIFSUD U L-GIRGENTI JISTA' JINKISEB MINN:**

- www.ourladyofconsecration.org
- Facebook - Madonna tal Konsagrazzjoni
- Youtube - Guza Mifsud
- Kotba, santi u oġġetti devozzjonali
- Kopji antiki ta' dan il-fuljett (ikkonsultaw il-website)

## DIKJARAZZJONI

Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorita tal-Knisja